**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 821/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Kontra**

**Santo Pecoraro**

**Illum 19 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat lil;**

**Santo Pecoraro** ta', 43 sena, iben Rosario u Nunziata nee' Licitra, imwieled Ragusa, provinċja ta' Sqallija ġewwa l-Italja, nhar is-16 ta' Lulju 1981, mingħajr residenza fissa ġewwa Malta u detentur tal-Karta tal-identita' Taljana bin-numru CA37996AK

**Akkużat talli:**

**Fil-Gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, nhar id-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).**

1. Bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta' parir jew ħabrek biex persuna jew persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv

biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, ikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna jew persuni oħra (Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta).

2. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għen jew assista lil xi persuna jew persuni biex jinżlu l-art f’Malta, jew biex toqgħod ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta), jew lil xi persuna jew persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-Liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta’ dak l-istati, jew ħeba jew ta’ kenn lil xi persuna jew persuni li kien jaf jew kellu tassew għax jaħseb li kienu f’Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Rat li l-prosekuzzjoni qrat u ikkonfermat bil-ġurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ l-imputat fis-seduta datata 11 ta’ Ottubru 2024;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 19 ta’ Novembru 2024 u wara li l-Qorti tat lill-imputat żmien biex jerġa’ jikkontemla l-ammissjoni tiegħu u jekk irid jerġa’ jkellem lill-avukat tiegħu, u wara li reġa’ ġie mistoqsi hekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu u wara li tatu żmien biżżejjed biex, huwa ikkonferma l-istess ammissjoni wara li reġa’ ġie mistoqsi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li l-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed ħin tiġbor il-provi u fiċ-ċiorkostanzi tħoss li piena idoneja tkun waħda karċerarja effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 337A tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat Santo Pecoraro, ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal tnax (12)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**